**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **44**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** f'12:00pm.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Ħad-Dingli: | Sindku s-SurRaymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa |
| Ir-Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula. |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

L-Imdina: Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet f' 12.00pm

**44.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**44.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 43;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 43 li saret nhar id-19 ta' Novembru 2024.

Sekondant: is-Sindku ta Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

44.02.01 **Punti imqajjma mil-Minuti numru 43**

44.02.02 Il-Maniġer tal-Fondi tal-Eu u Lokali , DC attendiet għal taħriġ mill-ALDA li sar nhar 02 & 03.12.2024

44.02.03 Nhar 22 u 23.11.24 ipparteċipajna fl- Expo - Inspiring Change: Councillors Shaping Stronger, Healthier Communities li kienet organizzata mil-AKL u saret ġewwa il-lukanda Radisson Blu Resort & Spa, Malta Golden Sands, f' Għajn Tuffieħa L/O Mellieħa

44.03.04 Nhar 21.11.24, il-Maniġer tal-Fondi tal-Eu u Lokali DC attendiet għal sessjonijiet ta' informazzjoni mtella' mil- EUPA fejn provdew għarfien dwar opportunitajiet ta' Erasmus+ u korp Ewropej ta' Solidarjetà.

44.03.04 Nhar il-11.12.24 ħarget l-espressjoni ta' Interess għall-awturi biex jiktbu il-ktieb fuq in-niċeċ.

44.03.05 Nhar l-20.11.24 intbgħatet talba ghal-laqgħa ma' IM u TM.

**44.03 Komunikazzjoni mill-President**

44.03.01 Nhar l-20.11.24 l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol infurmatna li ser tkun qed torganizza sessjonijiet ta' informazzjoni nhar 26.11.24 dwar l-Att il-ġdid 646, Att dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol inklużi l-kapitoli kollha kif ukoll il-leġiżlazzjoni sussidjarja li għandha x'taqsam mal-penali u l-multi. Għal din il-laqgħa attendiet is-Segretarju Eżekuttiv TF.

44.03.02 Nhar l-20.11.24 irċevejna mingħand SEM li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea (EUPA) qed tograniżza numru ta' sessjonijiet ta' informazzjoni maħsuba biex jipprovdu gwida u appoġġ għal dawk interessati li japplikaw għal finanzjament qabel l-iskadenzi ta' Frar 2025 għal Erasmus+ u ESC.

44.03.03 Nhar l-20.11.24 bgħatt lil DG Vassallo dwar il-kontijiet tar-'rejects' u skart kummerċjali u talbu biex jinfurmana dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2025.

44.03.04 Nhar il-21.11.24 is-Sur Agius talabna sabiex nibgħatu rappreżentant sabiex jinġabru r-reġistri elettorali ta' kull Kunsill.

44.03.05 Nhar it-22.11.24 ir-Reġjun Punent issieħeb mal-Moviment Living-in.EU.

44.03.06 Nhar it-23.11.24 ittella' l-Kirkop Futbol Turnament fejn apparti l-isport it-tfal kellhom l-opportunita li jipprattikaw l-arkett, jagħmlu r-ravjul u jħawwlu l-ful fl-akkwata tal-grawnd.

44.03.07 Nhar il-25.11.24 irċevejna Ċir AKL 2024/082 FW: Conference Invite: Safeguarding the human rights of older persons.

44.03.08 Nhar il-25.11.24 irċevejna mill-MCAST sabiex nipparteċipaw fit-tieni edizzjoni tal-MCAST Apprenticeship Onboarding Event – suq fejn apprendisti prospettivi jiltaqgħu ma min iħaddem prospettivi.

44.03.09 Nhar il-25.11.24 irċevejna **PQ 22788 Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Uffiċjali li qed jiffaċjaw proċeduri kriminali.**

L-ONOR Ryan Callus saqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-uffiċjali fi ħdan il-Ministeru, inkluż entitajiet li jiffurmaw parti minnu li qed jiffaċjaw proċeduri kriminali fl-aħħar ta' Ottubru 2024 u x'inhuma l-akkużi għal kull wieħed minnhom? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk li jinsabu bil-full pay, half pay jew sospiżi?

44.03.10 Nhar il-25.11.24 irċevejna **PQ 22734- Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Konsulenti Maltin u barranin.**

L-ONOR Ryan Callus saqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jagħti lista ta' konsulenti Maltin u barranin (individwi jew kumpaniji) li l-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, għamel użu minnhom minn 2020 sal-aħħar ta' Ottubru 2023? Jista' jgħid ukoll jekk kull servizz mogħti ġiex magħżul wara sejħa għall-offerti jew b'direct order? Fiex kienu jikkonsistu s-servizzi li ngħataw? Għal kemm perjodu ta' żmien kienu ingaġġati? Jekk iżjed minn sena jew term wieħed, għal kemm-il term jew sena mill-ewwel darba li ġew appuntati biex jagħtu dan is-servizz ilhom jagħmlu dan? Kemm kienu l-fees u spejjeż oħra relatati li tħallsu? Jekk il-każ fuq it-terminu ta' żmien li matulu kienu qed jipprovdu dan is-servizz, kemm tħalsu globalment fuq medda ta' żmien min mindu ġew appuntati l-ewwel darba? Kemm kienet ir-rata kull siegħa tal-fees li tħallsu.

44.03.11 Nhar il-25.11.24 irċevejna **PQ22716 – Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Sponsorships u donazzjonijiet**.

L-ONOR Ryan Callus saqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jagħti lista tal-benefikanti minn sponsorships u donazzjonijiet li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, tal-benefiċċji ta' 'l fuq minn €2,500 għal kull għotja fis-sena 2023, u minn Jannar sa Ottubru 2024? Jista' jgħid ukoll kemm ingħata lil kull benefikant u kif ġew magħżula biex jibbenefikaw minn dawn il-fondi?

44.03.12 Nhar it-25.11.24 irċevejna stedina sabiex nipparteċipaw f'face to face workshop bl-għan li jippromwovi ċentri ta' mobilità ekolġika u inklużiva għal żoni ta' għajxien sostenibbli fil-Mediterran.

44.03.13 Nhar is-26.11.24 irċivejna stedina mingħand l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea għal laqgħa informali nhar 12.12.24.

44.03.14 Nhar 26.11.24 l-ES attendiet għal sessjoni t' informazzjoni dwar l-Att il-ġdid fuq 646 Health and Safety at Work Act mtellgħa mil-OHSA.

44.03.15 Nhar 26.11.24 l-EU-Local Fund Manager attendiet ghal sessjoni ta taħriġ mtella' mil-EUPA fuq il-programm Erasmus+ Adult Education & Vocational Education and Training.

44.03.16 Nhar is-27.11.24 id-Direttur Ġenerali is-Sur Vassallo infurmana dwar l-impożizzjoni l- komunika ta' penali fuq kuntratti ippubblikati mid-dipartiment tal-Kuntratti – bħalma huma tal-ġbir tal-iskart, jistgħu isiru biss bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

44.03.17 Nhar il-28.11.24 u 05.12.24 ikkolaborajna mal-ITS dwar EWWR Food Waste Project.

44.03.18 Nhar l-04.12.24 irċevejna mingħand l-MCAST fejn ħabbru l-bidu tal-iskema tal-Apprentistat għas-sena akkademika 2024-2025. Infurmawna li kull student rċieva ftehim uffiċjali ta' apprentistat imfassal għall-programm tiegħu.

44.03.19 Nhar il-05.12.24 irċevejna Ċir AKL 2024/083 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2025.

44.03.20 Nhar il-05.12.24 il-President irċieva stedina mingħand il-President ta' Malta għall-Parata ta' Jum ir-Repubblika.

44.03.21 Nhar il-5.12.24 is-Sur Cassar informal is-Sur Fava li għalkemm l-Awtorità tal-ippjanar teħtieġ li l-applikazzjoni tiddaħħal minn perit ma tnaqqasx mill-importanza ta' Segretarju Eżekuttiv u/jew Sindku ta' Kunsill Lokali. Qabel li rappreżentant tal-Kunsill (li f'dawn it-talbiet ikun jidher bħala l-applikant) għandu jkollu aċċess għall-applikazzjonijiet mdaħlin f'ismu u għandu jkun jista' itella' korrispondenza li ma tirrikjedix il-ħiliet tekniċi tal-perit, ġaladarba l-applikazzjoni inizjali tkun ġiet sottomessa. Se jkun qed jinformah malli eApps tkun qed toffri dan l-aċċess.

44.03.22 Nhar il-05.12.24 saret il-laqgħa tal-proġett Arts for Social Change - Visual Arts participants' meeting.

44.03.23 Nhar id-09.12.24 ġejna avviċinati mill-Malta Design li qed jippjanaw avveniment li se jġib flimkien rappreżentanti tal-forrnituri ewlenin Ewropej. Dawn ser juru l-aħħar innovazzjonijiet tagħhom u jaqsmu l-għarfien fl-oqsma bħal: Soluzzjonijiet ta' disinn innovattivi għal spazji pubbliċi, prattiċi sostenibbli u għamara favur l-ambjent, teknoloġiji moderni għall-ippjanar urban kif ukoll avvanzi riċenti fir-riċerka u l-iżvilupp.

44.03.24 Nhar id-09.12.24 irċevejna Ċir AKL 2024/085 _Invitation to SportMalta Conference li ser issir bejn 10-11.01.25.

44.03.25 Nhar l-10.12.24 il-Maniger tal-Fondi Lokali u EU għarrfet lill-Kunsilli Lokali u NGO's dwar skema ta' Finanzjarjament li ħarġet l-ACM għar-Restawr li hija mmirata biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għat-tiswija, i.e. restawr u konservazzjoni ta' propjetà immobbli interna u esterna. Din tkopri altari, aperturi, dekor artistiku, induratura u tpinġija jew dekorazzjoni fuq uċuħ arkitettoniċi ta' knejjes li huma fi ħdan il-konfini ta' knisja parrokkjali li taqa' taħt l-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi t'Għawdex.

44.03.26 Nhar l-10.12.24 b'referenza għaċ- Cir AKL 2024/078_Christmas Football Tournament, b' risq il-Malta Community Chest Fund infurmawna li mhux ser issir

minħabba nuqqas ta’ konkorrenza.

44.03.27 Nhar l-10.12.24 attendejt għal konferenza mtella’ mil-KL Rabat ‘The reality of Youth Participation via Youth Clubs or Youth Associations’ fejn kien hemm madwar 15 pajjiiż differenti.

44.03.28 Nhar il-11.12.24 ircivejna Cir AKL 2024 - 086 - For LCA network - Just Cities Climate adaptation and justice through stakeholder participation fejn sar webinar nhar it-12.12.24.

44.03.29 Nhar il-11.12.24 l-ACM infurrmawna li -MHAL interessata tikseb informazzjoni dwar pjanijiet ta’ kull kunsill reġjonali għal kalendarju ta’ programmi kulturali. B’hekk avviċinawna sabiex nagħtuhom idea tal-programmi kulturali li ġejjiin għas-sena 2025.

44.03.30 Nhar il-11.12.24 irċivejna mingħand DLG Ċirkulari Nru 06/2024 - Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025

44.03.31 Nhar il-11.12.24 l-ES għamlet laqgħa ma SDH Unit dwar Social Determinants of Health Awareness.

44.03.32 Nhar it-13.12.24 ittella’ t-tournament tal-futbol ġewwa Siġġiewi. It-tfal kellhom l-opportunita’ li bħala attivita’ kulturali jiktbu ittra lil Santa Klaws u jimpustawielu fil-letterbox li l-Kunsill ħejja fil-lokal.

44.03.33 Nhar is-16.12.24 ġejna infurmati li s-sejħa għall-proġetti ta’ kooperazzjoni Ewropea ġiet ippublikata u l-iskadenza għal din is-sejħa hi t-13.05.25.

44.03.34 Nhar is-16.12.24 rċevejna Ċir AKL 2024/087_Exchange of Christmastide Greetings.

44.03.35 Nhar is-16.12.24 irċevejna mingħand NAO fejn infurmawna li ressaq l-aħħar rapport tiegħu – Rapport mill-Awditur Ġenerali dwar il-ħidma tal-Gvern Lokali għas-sena 2023, lill-Onorevoli Speaker.

44.03.36 Nhar is-17.12.24 u 18.12.24 sar it-tqassim tal-iskips u ‘wheelie bins’ ġewwa l-iskejjel

44.03.37 Nhar id-19.12.24 ircivejna Cir AKL 2024 - 088 - Exchange of New Year Greetings mal-President ta’ Malta nhar 21.12.24.

44.03.38 Nhar it-08.01.24 ser ikun imniedi RIGHTS Project | Western Regional Children's Council

44.03.39 Nhar l-04.03.25 ser ikollna l-Audit tar-Reġjun.

44.03.40 Ser jkun qed jitneħħa ’laptop’ nru 308863 mil-FAR li m’għadux jiffunzjona.

**44.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

44.04.1 Is-Sindku ta' Safi staqsa rigward it-transport għall-attivitajiet kulturali. Ġie issuġġerit li jsir transport minn ġol-rħula għal festi ta rħula oħra.

44.04.2 Is-Sindku tar -Rabat staqsa jekk hemmx gwida mingħand FSWS dwar każijiet ta' vjolenza domestika, 'bullying', saħħa mentali u solitudni. Il-President semma ir-rapport tas-SIA li jindirizza dawn it-temi u li jrid jiġi ppublikat fl-2025.

**44.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

44.05.01 Rapport tal-Maniġer tal-Iskart dwar iż-żjara tal-HOOP Study ġewwa Firenze

44.05.02 Kwotazzjoni RFQ202/2024 – Request for Quotation for the Printing of A4 Leaflets.

44.05.03 Kwotazzjoni RFQ203/2024 – Request For Quotation for Outdoor Stickers

44.05.04 Kwotazzjoni RFQ204/2024 – Request For Quotation for Bottle Stickers

44.05.05 Kwotazzjoni RFQ205/2024 – Request For Quotation for Metal Plate Signs

44.05.06 Kwotazzjoni RFQ206/2024 – Request For Quotation for Monitor

44.05.07 Kwotazzjoni RFQ207/2024 – Request For Quotation for Laptop

**44.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

44.06.01 **Kwotazzjoni RF202/2024 – Request for Quotation for the Printing of A4 Leaflets**.

Il-President informa li ntbaghtu 5 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 3 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus

Il-Kunsill qabel unanimament

44.06.02 **Kwotazzjoni RF203/2024 – Request for Quotation for Outdoor Stickers**

Il-President informa li ntbaghtu 7 inviti għall- kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 2 offerti. Il-President ippropona sabiex tiġi kkanċellata minħabba li kienu għola mill-kwotazzjoni li kellna qabel.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borg

Il-Kunsill qabel unanimament.

44.06.03 **Kwotazzjoni RF204/2024 – Request for Quotation for Bottle Stickers**

Il-President informa li ntbaghtu 5 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 3 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

44.06.04 **Kwotazzjoni RFQ205/2024 – Request for Quotation for Metal Plate Signs**

Il-President informa li ntbaghtu 4 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 3 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus

Il-Kunsill qabel unanimament.

44.06.05 **Kwotazzjoni RFQ206/2024 – Request for Quotation for Monitor**

Il-President informa li ntbaghtu 3 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 3 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima

Il-Kunsill qabel unanimament.

44.06.06 **Kwotazzjoni RFQ207/2024 – Request for Quotation for Laptop**

Il-President informa li ntbaghtu 4 inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 4 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi, is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament.

**44.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.32**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 32.

Proponent: Is-Sindku ta' Ħal-Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit
Sekondant: Is-Sindku ta' Had-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**44.08 Reviżjoni tal-Budget 2024**

Il-President ippreżenta u spjega ir-reviżjoni tal-budget 2024 minħabba xi tibdil li kellna matul is-sena u ressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus

Il-Kunsil qabel unanimament

**44.09 MOU ma' FSWS**

Il-President ippropona li jiġi iffirmat ftehim bejn Western Community Services fi ħdan l-FSWS li jinkludi lokalitajiet ta' Rabat, Dingli, Mdina, Siġġiewi u Żebbuġ u r-Reġjun Punent.

Is-Sindku tar-Rabat qal li l-Kunsill ma ġiex konsultat fuq proġett li qed jsir fir-Rabat u talab li ssir laqgħa.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

**44.10 MOU ma' Arts Council Malta**

Il-President ippropona li ir-Reġjun Punent jiffirma MOU mal-Arts Council Malta biex jkun tista' ssir mappa ta' direttorju artistiku.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

**44.11 Trasferiment tal-leave tal-ħaddiema**

Il-President propona li l-'vacation leave' tas-Segretaru Eżekuttiv u tal-ħaddiema tar-Reġjun Punent li hu mniżżel hawn taħt għandu jiġu trasferit għas-sena d-dieħla 2025.

Segretarju Eżekuttiv: 76 siegħa

Maniġer tal-Ambjent – 70.5 siegħa

Maniġer tal-Iskart – 101 siegħa

Maniġer tal- Fondi Lokali u Ewropej – 59.75 siegħa

Maniġer tal- Proġetti – 108.25 siegħa

Maniġer tal-IT – 118.5 siegħa

Assistant Principal – 45.25 siegħa

Executive Officer – 46.25 siegħa

Council Assistant – 27 siegħa

Cleaner/ Messenger – 15 siegħa

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**44.12 Performance Appraisal – Ħaddiema Klerikali**

Il-President propona li il-performance Bonus tal-ħaddiema jkun;

Ta' l-Assistant Principal AV – 6%

Sekondant: Is-Sindku ta' Had-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

Ta' l-Executive Officer – DB – 6%

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

Tal-Council Assistant – KX – 6%

Sekondant: Is-Sindku ta' Had-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**44.13 Budget 2025 u Pjan Finanzjarju għal 5 snin**

Minħabba li il-figuri tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 waslet ftit żmien qabel din il-laqgħa, ma kienx hemm ħin li dan jiġi preparat u anke minħabba l-fatt illi bagħtna mistoqsijiet lid-DLG u ma kellniex risposti għalihom. Għalhekk dan il-punt ser jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**44.14 Materji Oħra**

44.14.01 **Polza tal-Assikurazzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema**

Ill-President ippropona li tiġġedded il-Polza tal-Assikurazzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema skond Ċir AKL 2024/083

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi, is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament

**44.15 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-14.30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-Tlieta 28 ta' Jannar, 2025 fil-17.30.**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum